# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 1171/98 AJM

Kawza numru

Carlos Cordina

Vs

Jason Zammit

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-1 ta' Gunju 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li huwa proprjetarju tal-vettura Morris Marina S-8279 liema vettura giet misruqa f'Ottubru 1997 minn quddiem daru s-Swieqi; illi dan l-ahhar il-vettura nstabet fil-pussess tal-konvenut li ma spjegax kif giet ghandu u l-Pulizija Ezekuttiva resqitu l-Qorti akkuzat li seraq jew irceva ghandu proprjeta' misruqa; illi l-attur xtara l-imsemmija vettura ghas-somma ta' elf u erba' mitt lira (LM1,400) u llum il-valur taghha huwa kwazi xejn stante li giet zarmata kompletament; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fil-vettura Morris Marina Reg No. 8279;
2. tillikwida l-istess danni okkorrendo permezz tal-hatra ta’ periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1805/98 u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta’ l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-4 ta’ Novembru 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi permezz tac-citazzjoni attrici din l-Qorti qed tigi effettivament mitluba ssib il-htija jew meno tal-esponent u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tghaddi gudizzju ta’ natura kriminali.
2. Illi qabel xejn l-attur irid juri l-interess guridiku tieghu billi jipprova t-titolu tieghu fuq il-vettura mixtrija mill-konvenut.
3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-esponent xtara l-vettura imsemmija minghand terzi u mhux kif qed jigi allegat mill-attur.
4. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent xtara l-vettura diga zarmata u ghalhekk mhuwiex responsabbli ghal danni li seta’ sofra l-attur.
5. Illi l-valur tal-vettura kien ferm inqas minn dak indikat mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Jannar 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-28 ta' Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Mejju 1999 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-sduta tal-lum.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur huwa proprjetarju tal-vettura numru S-8279 tal-marka Morris Marina li fit-22 ta' Ottubru 1996 kienet insterqet waqt li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu. Dwar din is-serqa kien sar rapport lill-Pulizija li sussegwentement waqt investigazzjonijiet li kienu qed isiru in konnessjoni ma xoghol suspettuz f' garaxxijiet fil-Marsa, instabet gewwa garaxx taht il-kontroll tal-konvenut b'diversi oggetti neqsin, sprejjata kulur differenti u bil-log book u insurance certificate neqsin. Irrizulta ukoll li x-chassis number ta' din il-vettura kien mibdul u dak proprju instab fuq il-persuna tal-konvenut.

L-attur kien ittiehed f'garaxx tal-pulizija fejn din il-karozza kienet mehuda u storjata in konnessjoni mall-investigazzjonijiet u hemm, kif xhed b'mod dettaljat l-Ispettur Carmelo Bartolo li mexxa

l-investigazzjoni, giet rikonoxxuta mill-attur bhala il-karozza tieghu li kienet insterqet fit-22 ta' Ottubru 1996.

Il-konvenut ma ta' ebda spjegazzjoni lill-pulizija dwar il-provenjenza tal-vettura u ghal mistoqsijiet li kienu sarulu ma rrispondix. Ghalhekk ittiehdu proceduri kontra il-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali.

B'dawn il-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu d-danni sofferti minnu fil-vettura fuq imsemmija li huwa jghid li kien xtara bil-prezz ta' LM1,400 billi l-valur taghha llum huwa kwazi xejn wara li ttiehdulha diversi parts. In effetti skond skrittura ezebita a fol 31 tal-process jirrizulta li din il-vettura kienet inxtrat minghand certu Mario Farrugia bil-prezz ta' LM1350. U skond ma gie rraportat lill-Ispettur Bartolo mill-espert inkarigat fl-inkjesta, din il-vettura, hlief ghall-effetti neqsin, kienet tinsab fi stat tajjeb.

Il-konvenut qed iressaq diversi eccezzjonijiet ghat-talba attrici. Dawn sejrin jigu trattati separatament kif gej:-

1. **Inkompetenza tal-Qorti.**

   Qed jinghad li kull pronunzjament ta' din il-Qorti dwar responsabbilita' ghad-danni jfisser li l-Qorti tkun qed ssib htija o meno fil-konvenut f'kamp riservat ghall-Qorti Kriminali. Matul is-smiegh tal-provi, u ezattament waqt is-seduta tal-24 ta' Lulju 2000, kien gie rilevat mid-difensur tal-konvenut li l-proceduri kriminali kienu ghandhom pendenti u ghalhekk kien talab li dik is-seduta tigi differita. Izda sussegwetement il-konvenut kien ta'

x-xhieda tieghu minn jgheddu fis-seduta tas-7 ta’ Frar 2001. Ma inghatat ebda informazzjoni ohra dwar il-proceduri kriminali u ghalhekk din il-Qorti mhux tenuta tohodhom in konsiderazzjoni. Fi kwalunkwe kaz jigi rilevat il-qrati ta’ kompetenza civili u dawk ta’ kompetenza kriminali huma separati u distinti u l-ebda Qorti ma hi mizmuma milli tiehu konjizzjoni ta’ kwistjoni li tqum quddiemha minhabba proceduri ohra pendenti quddiem qorti ta’ kompetenza differenti. L-artikolu 6 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid li “*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra”.* L-oggezzjoni tal-konvenut ghalhekk ma ghandha l-ebda fondament u ser tigi michuda.

2. **Interess guridiku.**

Il-konvenut qed isostni li huwa xtara l-vettura minghand certu Louis Pace bhala scrap. Skond il-konvenut, ghalhekk, l-attur ma ghandux aktar interess guridiku billi l-vettura ma hijiex tieghu. Qabel xejn ghandu jinghad li bhala premessa l-attur qed jghid li din il-vettura kienet insterqet mill-pussess tieghu. Dwar dan hemm ix-xhieda ta’ l-istess attur, dik tal-Ispettur Bartolo li mhux biss mexxa l-investigazzjonijiet dwar il-kaz wara rapport ta’ l-attur, izda ukoll ressaq lill-istess konvenut quddiem Qorti ta’ Gudikatura Kriminali in konnessjoni mal-kaz. L-allegazzjoni ta’ l-attur mhux kontradetta u konsegwentement kull xiri maghmul mill-konvenut kien effett b’nullita’ inkwantu l-oggett mixtri kien misruq.

Issa dwar it-titolu tal-attur dan jirrizulta ampjament sew mix-xhieda tieghu kif ukoll mid-dokumenti ezebiti senjatament l-ittra tad-9 ta’ Awissu 2000 tal-Ministeru ghat-Trasport u Komunikazzjoni minn fejn jirrizulta li “*the current registered*

*owner of vehicle S-8279"* huwa effettivament l-attur. Dan jfisser mhux biss li l-attur qatt ma ittrasferixxa din il-vettura u ghalhekk ghandha tieghu izda jikkonferma ukoll li dak li qed isostni l-konvenut mhux minnu billi l-vettura qatt ma kienet ta' Louis Pace u qatt ma giet skrapjata. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux gustifikata billi jirrizulta l-interess guridiku ta' l-attur. Din il-konkluzzjoni isservi wkoll ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

3. **Responsabbilita' tat-terz.**

Il-konvenut qed isostni li huwa xtara l-vettura zarmata u konsegwentement il-hsara, konsistenti f'deprezzament taghha minhabba oggetti neqsin, ma ghandux jirrispondi ghaliha huwa stess. Huwa minnu li l-attur ma jista' qatt jipprova, kif fil fatt ma pprovax, li l-oggetti neqsin mill-vettura hadhom il-konvenut. Setgha ghalhekk kien hemm l-intervent ta' terza persuna li kkawzat din il-hsara. Izda jigi osservat li l-pussess tal-vettura mill-konvenut huwa suspett inkwantu dan kien qed jaghmel minn kollox sabiex din il-vettura ma tingharafx billi sprejaha kulur differenti, u biddel ix-chassis number u sahansitra kien ser jbiddel il-pjanci tan-numru ma dawk ta' karozza ohra, ta' l-istess ghamla, li huwa jghid li kien xtara minn ghand l-istess Pace.

Issa l-artikolu 1049 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghal hlas ta' dik il-hsara hija* ***in solidum.***" Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jikkolifika r-responsabbilita' ta' wahda mill-partijiet involuti meta din ma tkunx imxiet dolozament billi r-responsabbilita' taghha hija limitata ghal dik il-bicca tal-hsara li hija tkun ikkawzat. Izda kif rajna aktar 'l fuq l-agir

tal-konvenut kien certament doluz u ghalhekk jibqa' responsabbli b'mod solidali u l-attur a termini ta' l-artikolu 1096 tal-Kap 16 jista' jagixxi kontra tieghu direttament minghajr ma l-konvenut ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni. Din l-eccezzjoni ghalhekk ser tigi michuda.

4. **Valur tal-vettura.**

Il-konvenut qed isostni li l-valur tal-vettura in kwistjoni kien ferm inqas minn dak indikat mill-attur. Kif gja inghad fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-vettura minn Mario Farrugia lill-attur juri prezz ta' LM1350. Din l-iskrittura izda ma iggib ebda data kif ukoll lanqas ma tindika d-data tal-akkwist l-ittra tal-Ministeru ghat-Trasport u Komunikazzjoni. Dawn id-dokumenti ghalhekk mhux ta' ghajnuna lil din il-Qorti ghal fini tad-deprezzament fil-valur tal-vettura kemm din damet ghand l-attur. L-Ispettura Bartolo xhed li mill-investigazzjoni li kien ghamel irrizultalu li din il-vettura kienet harget bhala gdida minn ghand Muscat's Motors fil-21 ta' Dicembru 1979 meta inbieghet lill-certu Pawlu Gatt. Minn investigazzjonijiet ohra li ghamel l-Ispettur irrizulta li, xi hames snin wara li harget gdida, dan Gatt bieghha lill-attur. Minn dan jidher li fid-data tas-serqa l-vettura in kwistjoni kienet ilha fil-pussess ta' l-attur ghal cirka 12 il-sena u cioe bejn in-1984 u in-1996.

Mizmuma kemm tkun mizmuma tajjeb vettura din ma izzomx il-valur taghha ta' meta tkun inxtrat. Certament mhux fuq firxa ta' tnax-il sena. L-eccezzjoni tal-konvenut ghalhekk tidher gustifikata u fl-assenza ta' rapport tekniku fir-rigward din il-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri l-valur tal-vettura ta' l-attur fid-data

tas-serqa fl-ammont ta' sitt mitt lira maltin (LM600.00) u li "scrap value" taghha fl-ammont ta' LM100. B'dana li d-danni sofferti mill-attur qed jigi likwidati fis-somma ta' LM500.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut hlief ghall-hames eccezzjoni, tiddisponi minn din il-vertenza billi tilqa' t-talbiet attrici tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fil-vettura fuq imsemmija, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500), u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mil-lum.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri